MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 1/2014

**Fl-atti tal-ittra ufficcjali numru 3748/13 fl-ismijiet:**

**Michael Darmanin nomine**
**vs**
**Dino Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur ipprezentat minn Dino Schembri fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-6 ta’ Jannar 2014 fejn talab lil din il-Qorti:

*1. “Illi r-rikorrent gie notifikat b’ittra ufficjali li permezz taghha s-socjeta’ Clean Away Service Limited riedet trendi kambjali indikati fl-istess ittra ufficjali ezegwibbli ai termini tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;*
*2. Illi minkejja li saret riferenza ghal numru ta’ kambjali fl-istess ittra ufficjali, is-socjeta’ Clean Away Service Limited ma pprezentatx la kopja tal-kambjali u wisq inqas kopja awtentikata tal-istess kambjali u ghalhekk trendi l-*

*ezekuttivita' tal-ittra ufficjali monka. Illi minhabba dan in-nuqqas ir-rikorrent ma jistax iressaq sottomissjonijiet fuq il-validita' o meno tal-kambjali indikati, u ghalhekk qieghed jirrizerva minn issa d-dritt li jressaq sottomissjonijiet fuq dan il-punt jekk ikun il-kaz;*

*3. Illi, minghajr pregudizzju ghal dak gia espost, ir-rikorrent jissottometti illi s-socjeta' Clean Away Service Limited intavolat proceduri ohrajn u dan sabiex titlob il-hlas tal-istess somma u dan permezz ta' kontro-talba fil-kawza li qieghda tinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet* ***Dino Schembri vs Clean Away Service Limited*** *(293/2013/FD), liema kontro-talba giet intavolata gurnata qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali odjerna. Illi ghalhekk ma jista' qatt ikun hemm zewg talbiet ghall-hlas tal-istess ammont f'zewg proceduri separati. Kopja tal-avviz, eccezzjonijiet u kontro-talba u eccezzjonijiet relattivi qieghdin jigu pprezentati ma' dan ir-rikors u mmarkati bhala Dok. A, B u C rispettivament;*

*4. Illi, bla pregudizzju u addizzjonalment, l-operat tas-socjeta' Clean Away Service Limited juri abbuz ta' l-ghodod procedurali u dan, inter alia, ghaliex:*

*i. Hu obbligu li kontraent (f'dan il-kaz, s-socjeta' intimata) jimxi skond bona fidi u korrettezza (****Art. 993 Kod. Civ****.) u li jiehu hsieb josserva l-interessi tal-kontraent l-iehor (f'dan il-kaz, l-istanti) u mhux solament dawk proprji u dan in linea mad-duttrina u kazistika in materja kif ser jigi ahjar pruvat fil-kors ta' dawn il-proceduri;*

*ii. Kif saput, "electa una via, non datum ricursus ad alteram". L-intimata kienet taf b'dawn il-proceduri, tant li fit-2 ta' Dicembru, 2013 ressqet risposta fejn qed tikkontesta l-pretiza u talba rikonvenzjonali. Hu inawdit li fit-2 ta' Dicembru, 2013 l-intimata titlob dikjarazzjoni gudizzjarja ghall-kanonizzazzjoni ta' kreditu u l-ghada, 3 ta' Dicembru, 2013 tressaq talba ohra, fuq binarji differenti, b'adoperu ta' procedura diversa. Ghalhekk, is-socjeta' rikonvenzjonanti ghandha taghzel liema linja jew triq trid tiehu dwar din il-kwestjoni; u*

*iii. L****-Art. 1009 Kod. Proc. Civ****. jippreskrivi li "Kull uzu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici m'ghandux ikollhom effett." L-ghemil tas-socjeta' rikonvenzjonanti jmur drastikament kontra din id-disposizzjoni.*

*Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta' Clean Away Service Limited li trendi l-imsemmija kambjali ezegwibbli ma ghandhiex tintlaqa' fil-konfront tar-rikorrent u dan peress li hemm ragunijiet gravi u validi fil-ligi biex l-ezekuzzjoni tigi opposta hekk kif fuq imfisser."*

Illi l-intimat Michael Darmanin noe debitament notifikat bir-rikors promotur nhar it-22 ta' Jannar 2014 (fol. 11) baqa' inadempjenti u ma pprezenta l-ebda risposta.

Illi nhar it-12 ta' Frar 2014 dehru l-avukati difensuri tal-partijiet u trattaw il-mertu tar-rikors odjern u talbu lill-Qorti sabiex taghti s-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mori tat-trattazzjoni l-intimat sostna li verament ma kienx ipprezenta l-kambjali mal-ittra ufficcjali pero' pprezenta kopja tal-kambjali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Frar 2014. Jinghad li l-kreditur m'ghandux obbligu li jipprezenta l-kambjali mal-ittra ufficcjali skond l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 12. Fil-fehma tal-Qorti una volta gew esebiti kopja taghhom fil-mori ta' dawn il-proceduri, in vista tal-principju tal-*ius supervenjens,* illum is-sitwazzjoni zgur li giet regolarizzata.

Fit-tieni lok l-intimat jghid li huwa ghandu dritt jaghzel hu x'procedura jiehu sabiex jikkawtela l-interessi u d-drittijiet tieghu u ghalhekk ma jaqbilx ma dak li ssottometta r-rikorrenti u cioe' li l-azzjoni tal-intimat ma setghet tirnexxi qatt minhabba il-principju ta' *electa una via non datum recursus ad adalteram*.

Ma hemmx dubbju li r-rikorrenti istitwixxa dawn il-proceduri in bazi ghall-proviso ta' l-**Artikolu 253(e) tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li: "l-*Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suggett ghal garanzija kif ukoll*

*minghajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-ezekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li ghandu jsir fi* *<u>zmien ghoxrin jum min-notifika ta' l-ittra ufficjali</u>* *(sottolinear minn din il-Qorti) li tintbghat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni u f'dak il-kaz biex persuna tesigi l-hlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc"*.

Issa bhala fatt jirrizulta li l-intimat kien ipprezenta l-ittra ufficcjali tieghu numru 3748/2013 fit-3 ta' Dicembru 2013 u din giet notifikata lir-rikorrenti odjern nhar id-19 ta' Dicembru 2013 skond it-timbru fuq ir-riferta pozittiva li saret mill-usher Reno Spiteri nhar it-30 ta' Dicembru 2013. Illi jirrizulta wkoll mit-timbru tar-rikors odjern li effettivament ir-rikorrenti ipprezenta ir-rikors promotur tieghu nhar is-6 ta' Jannar 2014 u ghalhekk tmintax-il jum wara n-notifika relattiva ta' l-ittra ufficcjali u ghalhekk m'hemmx dubbju li l-procedura adoperata mir-rikorrenti hija tajba ghaliex giet ipprezentata fiz-zmien preskritt mill-ligi.

Huwa evidenti li l-proċedura speċjali maħsuba taħt l-**artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta tirrigwarda lill-kambjala u mhux l-att ġudizzjarju li jintbagħat biex jirrendiha eżegwibbli. Madankollu, minħabba li l-eżekuzzjoni tal-kambjala titlob il-ħruġ ta' ittra uffiċjali, b'xi mod dik l-eżegwibilita' hija marbuta ma' dak l-att ġudizzjarju u s-siwi tiegħu. Il-liġi tispeċifika wkoll x'inhu meħtieġ *ad validitatem* biex l-interpellazzjoni ġudizzjarja tkun tiswa, iżda lil hinn minn hekk ma titlob l-ebda formalita' oħra; Illi ghalhekk in konfort madak li inqal akar 'l fuq il-fatt li l-intimat ma ipprezentax l-kambjali jew kopja taghhom ma l-ittra ufficcjali ma irendix l-azzjoni nulla u bla effett.

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-azzjoni fil-mertu. Ir-raġunijiet li l-liġi ssemmi biex tinżamm l-eżegwibilita' ta' kambjala jew promissory note huma li:

(a) l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma jkunux tal-persuna li tintalab tħallasha u
(b) "raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas" tagħha. Il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwestjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx <u>raġunijiet serji</u> *(sottolinear ta' din il-Qorti)* biżżejjed biex tissospendi.

Illi l-Qorti tifhem li l-proċedura li ddaħħlet fis-sena 2004 fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili f'dan ir-rigward kienet maħsuba biex tagħti rimedju lil min ikun intalab li jħallas kambjala jew *promissory note* maħruġa skond il-Kodiċi tal-kummerċ u jkun hemm raġuni tajba biex iżomm l-eżekutivita' tagħha jew il-ħlas mitlub. Min-naħa l-oħra, wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekutivita' tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekutivita' tagħhom, fejn dan jitħalla jsir.

It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-**Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12**, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan;

Illi l-liġi ma tgħidx b'mod tassattiv x'inhuma tali "raġunijiet oħra gravi u validi" li jistgħu jservu biex iżommu l-eżegwibilita' ta' kambjala jew promissory note. Ma jidhirx li dan kien nuqqas min-naħa tal-leġislatur, iżda t-tħollija għad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, fil-każ partikolari li jitressaq quddiemhom u f'eżerċizzju mad-daqqa t'għajn, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew promissory note (vide s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija nhar is-16 ta' Dicembru .2008 fil-kawża fl-ismijiet '**<u>Henry Depasquale vs Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd'</u>**;

Illi jissemmew każijiet li jixħtu dawl dwar liema jistgħu jkunu dawk iċ-ċirkostanzi serji biżżejjed biex jitqiesu bħala "raġuni gravi" għall-finijiet tal-imsemmi **Artikolu 253(e)**. Għalhekk, b'eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn Qorti (vide s-sentenza deciza ricenti mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-3 ta' Frar 2012 fil-kawża fl-ismijiet **<u>'Ian Pecorella vs Sovereign Caterers Ltd. et</u>**').

Illi fir-rikors tieghu r-rikorrenti odjern isemmi l-fatt li l-intimat ipprezenta procedura ohra sabiex jitlob il-hlas tal-istess somma pretiza permezz tal-kambjali mertu ta' l-ittra ufficcjali numru 3748/2013 u dan permezz ta' kontro-talba fil-kawza li qieghda tinstema' quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet '**<u>Dino Schembri vs Clean Away Service Ltd</u>'** Rikors Numru 293/2013 FD liema kontro-talba skond ir-rikors promotur giet prezentata gurnata qabel ma giet intavolata l-ittra ufficcjali odjerna.

Illi l-Qorti ezaminat il-kontro-talba pprezentata nhar it-2 ta' Dicembru 2013 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet '**<u>Dino Schembri vs Clean Away Service Ltd</u>'** u jirrizulta li verament f'dik il-kawza is-socjeta' Clean Away Services Limited qed taghmel referenza ghall-kambjali imsemmija fl-ittra

ufficcjali numru 3748/2013 datati l-1 ta’ Gunju 2013 sa l-1 ta’ Novembru 2013 . Illi ghalhekk jinghad li-rikorrenti ghandu ragun meta jghid li l-intimat qed jaghmel zewg talbiet ghall-hlas imsejsa fuq l-istess sett ta’ kambjali.

Jinghad li r-rikorrenti ghalhekk qed joggezzjona li l-ittra ufficcjali numru 3748/2013 tigi reza’ ezegwibbli u dan a bazi tal-principju ta’ ‘*electa una via non datum ricursus ad alteram’.*

Il-principju tal-*"Electa una via"* li mhux miktub f'termini generali u pozittivi f'ebda ligi, sew antika sew gdida, gie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bhala konsegwenza ta' hafna testi partikulari, li kienu assumewh bhala regola ta' dak li kien gie dispost minnhom. Skond dawn l-istess testi differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman holqu l-principju li fil-konkors alternattiv ta' hafna azzjonijiet, l-ezercizzju ta' wahda minnhom tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-ohra.

Inghad fis-sentenza fl-ismijiet ‘**Sunspot Tours Limited vs C.h. Caterers Limited’** moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell nhar is-16 ta’ Dicembru 2003 li:

*“Una volta l-parti f'kawza tkun ghazlet triq ta' difiza tal-jeddijiet taghha, kemm bhala attur kif ukoll bhala konvenut, u ipprocediet fuqhom bil-prezentata ta' azzjoni jew eccezzjoni, ma kienx konsentit lil dik il-parti illi f'dawk l-istess proceduri tibdel il-linja difenzjonali taghha - "selecta una via non datum recursus ad alteram". Ma kienx hekk permess li taghmel f'kull kaz imma zgur li ma seta' jigi accettat qatt li jekk isir meta l-bidla fil-linja difenzjonali proposta bl-eccezzjoni ulterjuri tkun tali li tbiddel kompletament il-bazi tad-dritt li biha l-konvenut jkun qed jiddefendi ruhu u anzi tkun in kontradizzjoni netta maghha.”*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-24 t’April, 1998 fil-kawza fl-ismijiet ‘**<u>Av. Dr. Frendo Randon vs Salomone’</u>** fejn inghad:

*“meta citazzjoni jkun fiha kawzali alternattivi u mhux cert liema wahda minnhom hija l-kawzali li sejra tifforma l-bazi ta’ l-azzjoni odjerna, dan igib sitwazzjoni fejn konvenut lanqas ma jkun jista’ jammetti t-talba ghax il-konvenut ma jkunx jista’ jaghzel il-kawzali li jidhirlu hu. Lanqas mhu l-kompitu tal-Qorti li taghzel liema hija l-azzjoni li kellu jittenta l-attur. Dan juri car li l-kawza kif giet intavolata hija insostenibbli billi ab initio la setghet tipprocedi u lanqas setghet tigi ammessa. … it-talbiet ukoll jikkonfondu azzjoni ma’ ohra, bhallikieku dawn iwasslu ghal rimedju wiehed, meta dan mhux hekk ghaliex it-tnejn huma distinti ’l wahda mill-ohra… isegwi ghalhekk li mhux lecitu li tghaqqad jew tikkonfondi azzjoni ma’ ohra… Meta l-posizzjoni hija tali, jirrizulta kjarament li l-procedura ta’ l-attur kienet wahda, irrita u nulla.”*

Illi huwa minnu li l-intimat ma pprezentax zewg talbiet differenti fl-istess att gudizzjajru pero’ xorta qieghed jaghmel zewg talbiet separati sabiex jithallas l-allegat kreditu tieghu kif naxxenti mill-kambjali esebiti f’dawn il-proceduri.  Illi dan ma jistax isir ghaliex f’kaz li l-kontro-talba tieghu tigi milqugha fil-kawza li hemm pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta u fl-istess hin din l-ittra ufficcjali tigi reza esekuttiva, l-intimat ikollu zewg titoli ezekuttivi sabiex jenforza meta l-kreditu tieghu huwa wiehed.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba tar-rikorrenti sabiex ma trendix l- kambjali imsemmija fl-ittra ufficcjali numru 3748/2013 ezegwibbli qabel ma fil-fatt il-kawza pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet ‘<u>Dino Schembri vs Clean Away Service Ltd</u>’ (Rikors Numru 293/2013 FD) tigi deciza b’mod finali.**

**L-ispejjez huma a karigu tal-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------